

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza (It-Tielet Awla) (li issa saret il-“Qorti Ġeneral”), tal-4 ta’ Settembru 2009, L-Italja vs Il-Kummissjoni (T-211/05), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali čāħdet it-talba għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/261/KE, tas-16 ta’ Marzu 2005, dwar l-iskema ta’ ghajjnuna C8/2004 (ex NN 164/2003) implementata mill-Italja favur kumpanniji kkwotati reċentement fil-Borża (ĠU 2006, L 94, p. 42).

Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.
- 3) Ir-Repubblika tal-Finlandja għandha tbatil-ispejjeż tagħha.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-24 ta’ Novembru 2011 — Il-Kummissjoni vs L-Italja

(Kawża C-379/10)

“Nuqqas ta’ Stat li jwettaq obbligu — Prinċipju ġenerali ta’ responsabbiltà tal-Istati Membri għal ksur tad-dritt tal-Unjoni minn waħda mill-qrati tal-aħħar istanza tagħhom — Esklużjoni ta’ kull responsabbiltà tal-Istat li tirriżulta minn interpretazzjoni tar-regoli ta’ dritt jew minn evalwazzjoni tal-punti ta’ fatt u tal-provi mwettqa minn qorti tal-aħħar istanza — Limitazzjoni, mil-leġiżlatur nazzjonali, tar-responsabbiltà tal-Istat għall-każijiet ta’ frodi jew ta’ nuqqas serju mwettaq minn tali qorti”

Dritt tal-Unjoni — Drittijiet mogħtija lill-individwi — Ksur minn Stat Membru — Obbligu ta' kumpens għad-dannu kkawżat lill-individwi — Kundizzjonijiet f'każ ta' ksur imputabbi lil qorti suprema — Natura manifesta tal-ksur — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tillimita l-istabbiliment tar-responsabbiltà unikament għall-każijiet ta' frodi jew ta' nuqqas serju — Inammissibbiltà (ara l-punti 40-42, 46, 48 u d-dispożittiv)

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-prinċipju ġenerali tar-responsabbiltà tal-İstati Membri għal ksur tad-dritt tal-Unjoni minn waħda mill-qrati tal-aħħar istanza tagħhom — Responsabbiltà limitata unikament għall-każijiet ta' frodi jew ta' nuqqas serju.

Dispożittiv

- 1) Ir-Repubblika Taljana,
 - billi teskludi kull responsabbiltà tal-Istat Taljan għad-danni kkawżati fil-konfront ta' individwi minħabba ksur tad-dritt tal-Unjoni mwettaq minn qorti nazzjonali tal-aħħar istanza, meta dak il-ksur jirriżulta minn interpretazzjoni tar-regoli ta' dritt jew minn evalwazzjoni tal-punti ta' fatt u tal-provi mwettqa minn dik il-qorti, u
 - billi tillimita dik ir-responsabbiltà unikament għall-każijiet ta' frodi jew ta' nuqqas serju,

skont l-Artikolu 2(1) u (2) tal-liġi Nru 117 dwar il-kumpens għad-danni kkawżati fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet ġudizzjarji u r-responsabbiltà ċivili tal-ġudikanti [legge n. 117 (sul) risarcimento dei danni cagionati nell'esercizio delle funzioni giudiziarie e responsabilità civile dei maġistrati], tat-13 ta' April 1988, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont il-prinċipju

ġenerali ta' responsabbiltà tal-Istati Membri għal ksur tad-dritt tal-Unjoni minn waħda mill-qrati tal-aħħar istanza tagħhom.

- 2) Ir-Repubblika Taljana hija kkundannata għall-ispejjeż.

**Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tad-29 ta' Novembru 2011 —
Tresplain Investments vs UASI**

(Kawża C-76/11 P)

“Appell — Trade mark Komunitarja — Regolament (KE) Nru 40/94 — Artikoli 8(4) u 52(1)(c) — Trade mark Komunitarja figurattiva Golden Elephant Brand — Talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità bbażata fuq trade mark nazzjonali figurattiva mhux irregistrrata GOLDEN ELEPHANT — Riferiment għad-dritt nazzjonali li jirregola t-trade mark preċedenti — Sistema tal-azzjoni tal-‘common law’ għal abbuż tad-denominazzjoni (‘action for passing off)”

1. *Appell — Aggravji — Aggravju ppreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (ara l-punt 53)*
2. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u tal-provi — Inammissibbiltà — Sħarriġ mill-Qorti Ġeneralis tal-evalwazzjoni tal-fatti u tal-provi — Esklużjoni ħlief fil-każ ta’ żnaturament (Artikolu 256(1) TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punt 73)*

Suġġett

Appell ippreżentat mis-sentenza tal-Qorti Ġeneralis (It-Tmien Awla), tad-9 ta' Diċembru 2010, Tresplain Investments vs UASI — Hoo Hing (T-303/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġeneralis cāħdet rikors għal annullament ippreżentat mill-proprietarju tat-trade mark figurattiva Komunitarja “Golden Elephant Brand”, għal prodotti fil-klassi 30, kontra d-Deċiżjoni R 889/2007-1 tal-Ewwel Bord tal-Appell